GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 15 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it- Tnejn 1 ta' Marzu 2010, fis-2.00 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Frar 2010
   b) Skeda ta' Ħlas Frar 2010
   c) Financial Statements
5. Ġnien;
6. Tenders;
7. Triq Pawlu Cassar;
8. Suġġerimenti mill-Kunsillier.

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 14 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peres li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekondat l-Kunsillier Aġius.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

1. Dwar item No. 7 tal-laqgħa Nru 14, minħabba problemi tekniċi u fuq parir ta' Dr. Luciano Busuttil, avukat tal-Kunsill, il-proċess tat-tender għad-dwal tal-grawnd ġie mwaqqaf u l-istess proċess se jerġa' jibda mill-ġdid. L-applikanti li tefgħu l-offerta fl-ewwel proċess ser jiġu eżentati milli jħallsu għad-dokumenti u f'każ li ma jitfgħux offerta jieħdu l-flus lura.

2. Il-Laqgħa mal-MEPA saret fit-18 ta' Frar 2010 fis-1.30pm fl-uffiċini tal-MEPA u preżenti kien hemm is-Sur Johann Buttiġieġ minn naħa tal-MEPA u s-Sindku, s-Sur Emanuel Vassallo, il-Viċi-Sindku s-Sur Joe Abdilla, il-Kunsillier Angelo Attard u flimkien mas-Segretarju tal-Kunsill.

Waqt din il-laqgħa ġie diskuss l-impjant taż-żejt li hu propost li jsir fi Triq il-Belt Valletta. Is-Sur Buttiġieġ qal li filwaqt li l-Enemalta għall-bidu kellha oġġezzjoni dwar dan l-impjant issa mhux qed issib oġġezzjoni. Is-Civil Protection ukoll mhux qed issib oġġezzjoni filwaqt li OHSA qed timponi xi kundizzjonijiet iżda mhux qed toġġezzjona. Minn naħa tal-MRA ukoll m'hemmx oġġezzjoni.

Is-Sur Buttiġieġ spjega kif l-ewwel applikazzjoni tal-Kumpanija Falzon kienet li se jitrasferixxi għal Ħal Għaxaq l-impjant li għandu f'Birkirkara minħabba li kien f'post residenzjali.

Is-Sur Abdilla qal li fl-inħawi fejn propost li jsir l-impjant ukoll joqgħodu n-nies u għalhekk li mhux tajjeb għal Birkirkara mhux tajjeb għal Ħal Għaxaq. Filwaqt li l-Kunsill ressaq diversi raġunijiet għaliex m'għandux isir l-impjant, is-Sur Buttiġieġ qal li hemm differenza jekk il-ħażna fl-impjant tkunx petrol jew diesel, li f'dan il-kaz se tkun diesel. Is-Sur Buttiġieġ qal ukoll li filwaqt li l-petrol jaqbad anka waħdu, id-diesel irid ikun f'temperatura ta' 65 grad u jkollu xi materjal ġo fih biex jaqbad għalhekk mhux daqshekk perikoluz. Sar qbil li l-Kunsill jerġa jibgħat l-oġġezzjonijiet tiegħu.

Sadanittant is-Sindku, viċi-Sindku, il-Kunsillieri Rose Agius, Angelo Attard u Alan Picco flimkien mas-Segretarju ltaqgħu mas-Sur John Grech, persuna li għandu għarfien tekniku fejn ġew diskussi diversi punti dwar l-impjant taż-żejt propost u fuqhiex il-Kunsill jista' joġġezzjona. Issuġerixxa li l-Kunsill jitlob *Project Description Statement* mingħand il-MEPA, kif ukoll li ssir laqgħa pubblika fejn ir-residenti jiġu nfurmati dwar l-impjant.

Il-Kunsill qabel li l-perit tal-Kunsill jibagħat ittra lill-MEPA bl-oġġezzjonijiet kollha.

3. Waqt din il-laqgħa ġiet diskussa wkoll l-applikazzjoni tal-MEPA App. No.04147/09 tar-**Rock Cut Ltd**. Din il-kumpanija applikat għal garaxxijiet u ħażna ta' makkinarju. Is-Sindku qal li din il-kumpanija għanda silos u li qed tipproduċi l-konkos. Is-Sur Buttiġieġ qal li se jara l-applikazzjoni u jibagħat tagħrif lill-Kunsill dwar dan il-permess.

## 3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u emails)</u>:-

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rċevejna dwar il-Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali. Il-Kodiċi il-ġdid ser ikun japplika għar-rapprezentanti eletti kollha fuq livell lokali. Dwar il-Kodiċi ta' Etika s-Sur Abdilla qal li skond Artiklu 12 hemm miktub li "Ir-Rappreżentanti eletti m'għandhomx ikollhom karigi politiċi jew jieħdu sehem f'attivitajiet simili etc." minħabba li is-Sur Abdilla jokkupa il-kariga ta- Segretarju tal-Każin tal-Labour Party kif ukoll l-Kunsillier Agius hija teżorier tal-każin tal-Partit Nazzjonalista qal lis-Segretarju biex tikteb u tistaqsi dwar dan lid-Direttur Għall-Gvern Lokali.

Irċevejna wkoll avviż, mill-Ministeru tas-Saħħa fl-Ingilterra, dwar xi bozoz li huma *energy saving* li meta jinkisru jistgħu jkunu ta' periklu.

Irċevejna wkoll Memo 33/2010 dwar Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) . Id-Divizjoni għall-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet fi ħdan l-uffiċċju tal-Prim Ministru se tniedi sejħa għal proposti ta' proġetti li se jkunu parzjalment iffinanzjati Mill-Unjoni Ewropea.
Memo 34/2010 titratta dwar Avviż Legali dwar ir-Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għall-Komunitajiet u li jipprovdi fost l-oħrajn għall-ewwel elezzjonijiet li ser isiru fis-27 ta' Marzu 2010.
Memo 35/2010 dwar l-Użu ta' Bexx u Pestiċida biex jitneħħa ħaxix ħażin, sabiex il-bexx u l-pestiċida li għandu jiġi wżat għandu jkun dak approvat mill-Malta Standards Authority.
Memo 36/2010 din titratta dwar Kuntratti li ġew mogħtija mill-Kunsill Lokali fl-2009, fejn din ġiet imwieġba.
Memo 37/2010 dwar Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi. Ghal din il-konferenza il-kunsill jista jibghat stedina lil-lokalitajiet ġemellati waqt li jitlobhom jgħarrfuna dwar l-interess u l-attendenza tagħhom.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rċevejna dwar inizjattivi varji fil-Qasam Soċjali, dwar taħdidiet edukattivi u Klabb 3 -16 li qed jiġi mwaqqaf sabiex jgħin it-tfal fl-edukazzjoni tagħhom.
Irċevejna wkoll il-ħarga ta' Frar ta' *Newsletter* .
Mill-Assoċjazzjoni rċevejna wkoll il-Covenant of Mayors li ser isir fl-4 ta' Mejju, 2010, ġewwa Brussel. Għal din il-konferenza ser jattendi s-Sindku u l-ispejjez jitħallsu mill-Kunsill.
Infurmawna wkoll li ser issir laqgħa għas-Segretarji Ezekuttivi dwar il-ħatra tas-Segretarju Ezekuttiv bħala uffiċjal fis-Servizz Ċivili.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 5433/09 fuq xi korrezzjoni ta' sit li kien ġie approvat f' Numru 2 ġewwa Sqaq Nru. 4, Triq St.Marija.
Irċevejna applikazzjonijiet ġodda bin-numru PA 231/10 sabiex jiġu mibnija garaxxijiet għal *coaches* fi Triq Għar Dalam.

Irċevejna wkoll *acknowledgement* ta' ittra li bagħat il-Kunsill dwar il-permess Nru. PA 5576/06 dwar *playschool* fi Triq il-Gudja u li l-Kunsill oġġezzjoni għaliha.

4. Mill-Parroċċa St.Marija, sabiex jinforma lill-Kunsill bil-vista pastorali li ser jagħmel l-ET Mons. Pawlu Cremona, ġewwa l-paroċċa ta' Ħal Għaxaq, sabiex jiltaqa' mal-Kunsill. Fejn stieden lill-Kunsill kollu għall-Quddiesa Solenni w Ikkonċelebrata fis-27 ta' Frar, 2010, fis-6:00 p.m.,fejn ikkonfermajna l-attendenza tas-Sindku, Viċi Sindku u Kunsillier Agius.

5. Mill-MTA fejn dawn wieġbu għall-ilment tagħna fejn għidnilhom li Ħal Għaxaq mhux imniżżel mal-lista sabiex turisti jkunu jistgħu jinżlu hawn hekk, fejn taw ir-raġunijiet tagħhom.

6. Mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, irċevejna e-mail dwar iż-Żjara tal-QT Papa Bendittu XVI.
Irċevejna wkoll informazzjoni dwar il-Konferenza li ser isir f'Għawdex f'April bejn 22 u 24. Is-Sur Alan Picco qal li x'aktarx jattendi hu.

7. Mill-Kumitat Konġunt irċevejna sabiex mill-aktar fis possibbli ninfurmaw fejn bħala toroq u anke ħinijiet tal-ġurnata neħtieġu l-preżenza tal-*Green Warden* fil-lokalita' tagħna skond kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Kongunt. Is-Sindku qal li l-*Green Warden* għall- bidu se jibdew jgħatu twissijiet u wara jgħatu iċ-ċitazzjonijiet.

Irċevejna wkoll dwar is-sekwestru fuq il-każ ta' Dr. Sammut sabiex ninfurmaw il-banek li dan is-sekwestru ġie mwaqqa', u nkunu nistgħu nieħdu l-flus lura. Irċevejna ċekk mill-Kumitat Konġunt HSBC Nru. 6582 li jammonta € 3,255.71 dawn ikopru l-flus li nġibdu mill-kont tal-BOV, fejn dan reġa' ġie depożitat.

8. Mingħand *Leon Promotions* irċevejna l-kont marbut ma' l-attivitajiet tal-Karnival .
li jammonta għal €590 inkluz it-trasport u l-VAT. Il-Kunsill approva l-ħlas.
Mingħand Mr. D'Amato rċevejna l-kont marbut ukoll ma' l-avvenimenti tal-Karnival ta' €60 . Il-Kunsill approva il-ħlas.

9. Mill-BOV fejn infurmaw li l-pagament ta' € 70 għadu pendenti peress li ma ġiex utilizzat dwar reklam tagħhom fil-fuljett li joħroġ il-Kunsill, fejn qed jistennew tweġiba sat-12 ta' Marzu, 2010. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lil BOV biex dan l-ammont jinżamm pendenti.

10. Mingħand *Schembri Barbros,* fejn infurmawna li jekk it-tieni fażi tal-Kostruzzjoni tal-*Football Pitch* u l-Latrini Pubbliċi tal-*Housing Estate* mhux ser tibda sa' l-1 ta' Marzu, 2010, ser jiżdiedu xi prezzijiet, li bħal issa għadu għaddej il-proċess fuq l-ewwel fażi ta' l-Offerta GhLC 01/09 mill-istess kuntrattur.

11. Mingħand is-Sur D. Aquilina ta' MRRA dwar it-tieni *Seminar* tan-Netwerk Rurali Malti li ser isir fil-5 ta' Marzu, 2010 u għalih ser jattendi s-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u l-Iskrivana li taħdem magħna part-time.

12. Mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żabbar, fejn infurmaw bl-attivita kulturali li ser jorganizzaw "Lejl fil-Belt Hompesch", fit-22 u t-23 ta' Mejju li ġej.

13. Irċevejna e-mail mingħand Ms D. Rizzo Naudi ta' Triq ir-Rebbiegħa minħabba l-istat li triq tinsab fiha.

14. Mit-Transport Malta irċevejna kopja ta' talba għal *resereved parking* ta' Mr. Zahra li joqgħod Dawret Ħal Għaxaq fejn din ġiet aċċettata għal sena.
Mill-istess Awtorita' rċevejna t-talba li kien għamel il-Kunsill fl-2008, ġiet approvata ta' *single yellow line fis-Service Road tal-Bypass*.

15. Mingħand is-Sirens A.S.C. ta' San Pawl il-Baħar, fejn bagħatu l-programm tal-lezzjonijiet ta' l-għawm.

16. Mingħand it-TCTC fejn stieden il-Kunsill għat-tneddija ta' *E-Council Training Projects* fis-6 ta' Marzu, 2010, fit-8:30 a.m., ġewwa Palace Hotel tas-Sliema.

17. Mingħand Din l-Art Ħelwa rċevejna l-formola sabiex inġeddu l-membership magħhom għas-sena 2010. Il-Kunsill qabel li dan il-*membeship* jigi mġedded.

18. Mingħand ISE irċevejna li ser isir Seminar fuq '*Towards a Sustainable Energy Future for Malta*', fis-16 ta' Marzu, ġewwa l-Kalkara.

19. Mingħand l-Airmalta wieġbu l-ittra tagħna fejn l-ilment li għamilna ser jiġi mgħoddi lil *Public Relations Office* fi ħdan l-istess kumpanija.

20. Mingħand MEDC fejn l-applikazzjoni li kienet saret għal *After School Sport Programme*, ġiet approvata u ser ningħataw € 1,729.35 u l-kuntratt ser jiġi ffirmat nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Marzu, 2010.

21. Stima mingħand il-Bortex dwar l-uniformi ta' l-iskrivani. Ġie deċiż li tinġieb stima oħra mingħand John David.

22. Mingħand il-GAL Xlokk irċevejna dwar laqgħa li ser isir fl-1 ta' Marzu, 2010, ġewwa l-Kunsill Lokali taż-Żejtun.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet e-mail lill-MEPA fejn oġġezzjonajna għal Permess ta' Żvilupp PA 4147/09 tar-Rockcut fi Triq il-Belt Valletta, fejn dawn wieġbu li l-permess tagħhom kien li hemm isservi ta' ħażna biss tas-silos u peress li mhux qed jintużaw ma tistax tittieħed aktar azzjoni fuq din il-materja.

b) E-mail oħra ntbagħtet lis-Sindku ta' Samokov fejn irringrazzjajnih ta' l-istedina tiegħu fejn għidnilhu li ninfurmawh aktar il-quddiem b'dati aktar konvenjenti għalina u għalih.

c) Lill-*Transport Authority,* fejn infurmajnihom li fuq xewqa tar-residenti fi Triq Dar il-Bebbux, din it-triq qed jitolbu li tiġi 'Residents Only', peress li hija dejqa.

d) Lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn applikajna għal fondi msemmija f' Memo 32/2010.
Bagħatna wkoll lill-istess Dipartiment fejn applikajna għal fondi f'Memo 27/2010.

e) LIll-Malta Heritage sabiex Dar il-Bebbux tiġi skjedata.

## 4. Materji Finanzjarji

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat l-infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Frar u li kienu jammontaw għal €16.95. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Frar 2010*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2010 u li jammontaw għal €39,473.32 . Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sur Attard. Il-Kunsill qabel unanimament.

*4.1.3* *Financial Statements*: Il-Viċi-Sindku qal li l-Accountant ipprezenta l-Istqarrijiet Finanzjarji li riedu jiġu approvati fil-laqgħa qabel l-Awditur jibda l-ħidma tiegħu.
Huwa ppropona li l-*Financial Statements* ikunu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju biex jintbagħatu lill-Awditur.
Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill qabel.

## 5. ĠNIEN

Is-Sindku staqsa jekk hux se jinħareġ tender biex issir il-parti l-oħra tal-ġnien. Qal ukoll li jekk il-Gvern joħroġ l-iskema biex isiru t-toroq u l-Gvern jagħti l-Kunsill parti mill-flus biex isiru t-toroq ikun jista joħroġ it-tender biex jitkompla l-ġnien.


15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Il-Viċi Sindku qal li t-toroq huma prijorita' iżda għandu d-dubju tiegħu jekk il-ġnien u sewwa li jitħalla kif inhu minħabba li l-kuntrattur li ħa l-offerta ta' *Phase II* għamel xogħol li hu (il-kuntrattur) ma kienx ittenderja għalih. Qal li l-aħjar il-Perit tal-Kunsill jiċċertifika li x-xogħol ta' *Phase 1* sar kollu u wara jipprepara żewġ tenders wieħed *Phase IIa* u ieħor *Phase IIb*. *Phase IIa* jkun il-bażi bħala pedament biex ma jitħallhiex il-post kif inhu u *Phase IIb* ikun mill-pedament il-fuq.

6. **Tenders**

Is-Sur Vassallo qal li wħud mill-kuntratti waslu biex jiskadu dawn huma:

a) Kuntratt – Żebgħa u Tabelli;
b) Servizz ta' *skips*;
c) Knis;
d) Latrini;
e) *Bulky Refuse*.

Il-Kunsill iddeċieda li l-kuntratti jerġgħu joħorgu bħal ta' qabel, iżda s-Sur Abdilla qal li l-aħjar fit-*tender* tal-latrini tiżdied nota fejn tgħid li jista' jsir ftehim bejn il-Kunsill u t-*tenderer* sabiex il-latrini tal-*Playing Area* jiġu mnaddfa u jkun hemm *toilet attendant.* Jista' wkoll isir ftehim biex it-tenderer jieħu ħsieb il-*mini-football pitch* u l-*area* tal-madwar.

**7. Triq Pawlu Cassar**

Is-Sindku qal li Triq il-Bwar hi waħda mit-toroq li l-Kunsill ser jiksi bit-tarmak qal iżda li din it-triq l-aħjar li tinkesa sa fejn joqogħdu n-nies u t-tarmak li kien se jintuża għal kumplament tat-triq isir fi Triq Pawlu Cassar. Il-Kunsill qabel.

**8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.**

1. Is-Sindku qal li se japplika biex isir *landscaping* tas-*central strip* bħala tisbieħ tal-lokal parti mil-proġett għaż-Żjara tal-Papa.

2. Il-Kunsillier Attard staqsa jekk il-Kunsill jistgħax jiżra siġar f'biċċa vojta li hemm fi Triq il-Ħatem wara li din timtela' bil-ħamrija. Is-Sindku qal li dik il-biċċa ħamrija hija privata għalhekk l-Kunsill ma jistghax iħawwel siġar.

3. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li tinxtara l-pompa tal-funtana. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li hemm il-ħtiega ta' żewġ tabelli, waħda għal Triq il-Belt Valletta biex titpoġġa n-naħa tal-Barrani w oħra għal Triq Maetro Giuseppi Spiteri. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sur Vassallo qal li residenti talbu għal-*sleeping policeman*, waħda quddiem il MUSEUM tal-bniet fi Vjal il-Labour, u oħra fi Triq San Filippu. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li hemm il-ħtiega li jinxtara mutur għal qtugħ tal-ħaxix. Il-Kunsill qabel li jinġiebu kwotazzjonijiet biex jinxtara l-mutur.

7. Is-Sur Vassallo qal ukoll li jekk ħdejn il-funtana jitpoġġew qsari tal-fuħħar u jitħawwlu xi fjuri dawn isebbħu l-ambjent. Il-Kunsill qabel li dawn jixtraw.

8. Is-Sur Vassalo qal li hemm indikazzjoni li *street lighting* se jigi devolut biex jitħallas mill-Kunsill.

9. Is-Sindku qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser toħrog applikazzjonijiet u l-Kunsill ikun jista' japplika biex jitqabbad Inġinier biex dan jagħmel riċerka ta kif tista' tkun is-sistema tad-dwal tat-toroq li l-Kunsill jixtieq jaddotta biex jiffranka l-enerġija tad-dawl. Il-Kunsill qabel li japplika.

10. Is-Sur Abdilla qal li saru lmenti minn nies dwar l-attivita' tal-Karnival li ssir il-Ħadd, skond in-nies li ġew din l-attivita' qed isservi biex il-ġenituri jiġu jaraw it-tfal tagħhom jiżfnu. Qal ukoll li l-attivita' tal-Ħadd qeda tkun bħal promozzjoni tal-Karnival għaliex ma kienx hawn nies barra mir-raħal li attendew. Is-Sur Abdilla staqsa wkoll jekk kinitx *worth it* li tinġieb il-banda għaliex din ftit daqqet. Qal ukoll li jekk il-Karnival inħalluh spontanju l-karrijiet ma jiqfux fil-Pjazza iżda jgħaddu u jibqgħu jduru ħalli fil-Pjazza jkun hemm aktar spazju.

Il-Kunsillier Attard qal li l-aħjar kieku l-karrijiet jiġu minn Bir-id-Deheb u l-banda tkun quddiemhom.

Is-Sindku qal li t-Tnejn kien hemm konfuzjoni iżda t-Tlieta kien tajjeb.

Il-Kunsillier Picco qal li kull ma jmur il-popolarita' tal-Karnival f'Ħal Għaxaq qegħda tiżdied. Qal ukoll li tajjeb naraw x'fondi hemm biex napplikaw għalihom biex isir il-Karnival u naħtru sotto-kumitat.

Il-Viċi Sindku qal li n-nies jikkummentaw minħabba li dejjem ikun hemm l-istess fotografu, tajjeb li navviċinaw il-fotografi tar-raħal biex jieħdu r-ritratti waqt il-Karnival.

11. Il-Kunsillier Attard qal li tajjeb jekk il-Kunsill jagħmel DVD dwar il-proġetti tar-raħal. Qal ukoll isir ftehim li din id-DVD tkun tinkludi l-attivitajiet kollha u hemm xi ħlas li jista' jiġi nnegozjat.

Il-Kunsillier Attard semma' li l-*league* tal-boċċi tat-tfal kienet suċċess u jixtieq li t-tfal li rebħu t-*tournament* jingħataw rikonoxximent waqt ir-riċeviment ta' Jum Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel. Qal ukoll li bi ħsiebu jorġanizza *Off-Road* fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Il-Vici Sindku qal li hemm bżonn naħsbu għan-nomini għal Ġieħ Ħal Għaxaq.

Is-Sindku qal li għal Jum Ħal Għaxaq jixtieq jorganizza *tournament 5 a side* dawk minn 16 il-sena sa 30 sena u oħrajn minn 30 sena l-fuq.

**9. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fl-4.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 22 ta' Marzu, 2010, fil-5.30pm

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tnejn 22 ta' Marzu, 2010, fil-5.30pm</u>**